# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**tat-8 ta' Lulju 2014**

**li taħtar membri u membri supplenti tal-Bord ta' Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għal Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol għall-Ungerija**

(2014/462/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1365/75 tas-26 ta' Mejju 1975 dwar il-ħolqien ta' Fondazzjoni Ewropea għal Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-listi tal-kandidati ppreżentati lill-Kunsill mill-Gvernijiet tal-Istati Membri u mill-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem u tal-ħaddiema,

Billi:

(1) Fid-Deċiżjonijiet tiegħu tat-2 ta' Diċembru 2013 ([2]), il-Kunsill ħatar il-membri u l-membri supplenti tal-Bord ta' Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għal Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol għall-perijodu mill-1 ta' Diċembru 2013 sat-30 ta' Novembru 2016, bl-eċċezzjoni ta' ċerti membri.

(2) Il-Gvern tal-Ungerija ppreżenta n-nomini ta' kandidati għal żewġ postijiet li jridu jimtlew,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Dawn li ġejjin huma b'dan maħtura membru u membru supplenti tal-Bord ta' Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għal Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol għall-perijodu li jintemm fit-30 ta' Novembru 2016:

I. RAPPREŻENTANTI TAL-GVERN

| Pajjiż | Membru | Supplenti |
|---|---|---|
| Ungerija | Is-Sinjura Katalin KISSNÉ BENCZE | Is-Sinjura Mariann GÉHER |

*Artikolu 2*

Il-Kunsill ser jaħtar il-membri u l-membri supplenti li għadhom ma ġewx innominati f'data aktar tard.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Lulju 2014.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

P. C. PADOAN

([1]) ĠU L 139, 30.5.1975, p. 1.
([2]) ĠU C 358, 7.12.2013, p. 5.